MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 282/2008

**Go plc**
**V**
**Androxa Furniture Limited u Andrew Mifsud**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tmienja (8) t’Awwissu 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta’ erbat elef tmien mija hamsa u hamsin euro u tnax l-euro centezmu (Euro 4855.12) rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma’ servizzi telefonici bin-numru 21443957 (AC 10132437), 21443964 (AC 10132431 u AC 10132432) (AT524/87) skond kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti A sa G.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxxijiet kontra l-konvenuti li huma ngunti ‘n subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati bl-avviz in kwistjoni nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'Ottubru 2008 skond kopja tal-gazetta lokali *The Times* esebita fl-atti a fol. 24 u mmarkata bhala Dok. GO 1, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata erbgha w ghoxrin (24) t'Ottubru 2008 skond kopja esebita fl-atti a fol. 22, oltre li gew notifikati bl-affissjoni fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi nhar l-ghxorin (20) t'Ottubru u tal-Hamrun nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Ottubru 2008, u fil-Kunsill Lokali, Hal Qormi nhar l-ghoxrin (20) t'Ottubru 2008 u fil-Kunsill Lokali tal-Hamrun nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'Ottubru 2008.

Rat illi fis-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2008 l-konvenuti gew imsejha diversi drabi izda baqghua ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihalsu lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef tmien mija hamsa u hamsin euro u tnax l-euro centezmu (Euro 4855.12) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------